Nru./No. 21,439
Prezz/Price
€8.10

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 16 ta' Mejju, 2025
Friday, 16th May, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 6565 - 6584
Government Notices ..... *6565 - 6584*

Avviżi tal-Pulizija ..... 6584 - 6593
Police Notices ..... *6584 - 6593*

Avviżi lill-Baħħara ..... 6593 - 6614
Notices to Mariners ..... *6593 - 6614*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 6614 - 6704
Employment Opportunities ..... *6614 - 6704*

Avviżi tal-Gvern ..... 6704 - 6713
Notices ..... *6704 - 6713*

Offerti ..... 6713 - 6719
Tenders ..... *6713 - 6719*

Avviżi tal-Qorti ..... 6719 - 6740
Court Notices ..... *6719 - 6740*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 757

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor Owen Bonnici BA, LLD, MP, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Mejju, 2025, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

Il-15 ta' Mejju, 2025
(OPM/19/2022)

Nru. 758

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru X tal-2025 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpaniji;

Att Nru XI tal-2025 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji; u

Att Nru XII tal-2025 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda Liġijiet Varji dwar Attivitajiet tal-Kannabis.

Is-16 ta' Mejju, 2025

Nru. 759

GOZO FIBRE OPTIC CABLE COMPANY LIMITED

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi ħatar il-Bord ta' Diretturi kif ġej:

Chairperson
L-Onor. Raymond Abela

Diretturi
Is-Sur Charles Cassar
Is-Sa Dawn Camilleri
Is-Sur Ryan Dalli
Is-Sa Charlene Aquilina

GOVERNMENT NOTICES

No. 757

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Owen Bonnici, BA, LLD, MP, Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government, assumes the additional duties of the Prime Minister on Friday, 16th May, 2025, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

15th May, 2025

No. 758

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. X of 2025 entitled the Company Service Providers (Amendment) Act, 2025;

Act No. XI of 2025 entitled the Various Financial Services Laws (Amendment) Act, 2025; and

Act No. XII of 2025 entitled the Various Laws relating to Cannabis Activities (Amendment) Act, 2025.

16th May, 2025

No. 759

GOZO FIBRE OPTIC CABLE COMPANY LIMITED

IT is hereby notified for general information that the Minister for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has appointed the Board of Directors as follows:

Chairperson
The Hon. Raymond Abela

Directors
Mr Charles Cassar
Ms Dawn Camilleri
Mr Ryan Dalli
Ms Charlene Aquilina

Segretarja
Is-Sa Joanne Pisani

Dawn in-nominazzjonijiet jiskadu fid-19 ta' Novembru, 2026.

Is-16 ta' Mejju, 2025

Nru. 760

MALTA FREEPORT CORPORATION

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Ekonomija, l-Intraprizà u Proġetti Strateġiċi ħatar il-Bord tal-Malta Freeport Corporation kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Robert Sarsero

Deputat Chairperson
Is-Sur Karmenu Briffa

Diretturi
Is-Sur Ramon Deguara
Dott. Priscilla Muscat
Is-Sa Claire Azzopardi
Is-Sur Aleander Balzan
Is-Sa Margaret Camilleri
Is-Sur Mark Aquilina
Is-Sur Charles Giordimaina
Is-Sa Claudette Abela Baldacchino

Segretarja
Is-Sa Jolene Flask

Dawn in-nominazzjonijiet jiskadu fis-16 ta' Marzu, 2026.

Is-16 ta' Mejju, 2025

Nru. 761

AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak Il-Kunsill b'seħħ mill-11 ta' April, 2025:

Kunsill Lokali	*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
San Ġwann	Claudia Stafrace

Is-16 ta' Mejju, 2025

Secretary
Ms Joanne Pisani

These nominations are valid up to the 19th November, 2026.

16th May, 2025

No. 760

MALTA FREEPORT CORPORATION

IT is hereby notified that the Minister for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has appointed the Board of Malta Freeport Corporation as follows:

Chairperson
Mr Robert Sarsero

Deputy Chairperson
Mr Karmenu Briffa

Directors
Mr Ramon Deguara
Dr Priscilla Muscat
Ms Claire Azzopardi
Mr Aleander Balzan
Ms Margaret Camilleri
Mr Mark Aquilina
Mr Charles Giordimaina
Ms Claudette Abela Baldacchino

Secretary
Ms Jolene Flask

These nominations are valid up to the 16th March, 2026.

16th May, 2025

No. 761

LOCAL COUNCIL ACTING EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Executive Secretary of that Local Council with effect from the 11th April, 2025:

Local Council	*Acting Executive Secretary*
San Ġwann	Claudia Stafrace

16th May, 2025

Nru. 762

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INDAFA PUBBLIKA

Sejħa għall-Offerti (ITB) għal Appoġġ Finanzjarju għall-Elettriku minn Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu b'kapaċità ta' 1000kW jew aktar

SABIEX ikompli jinkoraġġixxi l-użu aħjar tal-enerġija li qed tiġi ġġenerata minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fil-pajjiż, u skont ir-regolament 5 tar-Regolamenti dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi għal Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu (L.S.545.39), il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika (‹l-Awtorità Kontraenti') qed jgħarraf li:

Minn nofsinhar tas-25 ta' Lulju 2025 sa nofsinhar tal-1 ta' Awwissu, 2025, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, li se jamministra dan il-proċess tal-offerti f'isem l-Awtorità Kontraenti, se jkun qiegħed jilqa' offerti għal:

Avviż Nru MEEC/ITB/03/2025 – Sejħa għall-Offerti għal għajnuna Finanzjarja għall-Elettriku minn Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li jiġġeddu b'kapaċità ta' 1000kW jew aktar.

Qiegħda tiġi offruta kapaċità totali ta' 38,000kW.

L-offerti għandhom isiru strettament bl-email lil (ITBMWplus@rews.org.mt) Is-suġġett tal-email bl-offerta għandu jkun immarkat b'mod ċar skont l-istruzzjonijiet fid-dokument tal-ITB. L-email (ITBMWplus@rews.org.mt) għandu jintuża biss għas-sottomissjoni tal-offerti, filwaqt li l-email (regulator@rews.org.mt) għandu jintuża għal kwalunkwe korrispondenza oħra relatata mal-ITBs.

Il-formoli ta' din l-offerta se jiġu ppubblikati fis-16 ta' Mejju, 2025. Il-formoli ta' din l-offerta, informazzjoni dwar laqgħa ta' kjarifiki, u d-dokumenti relatati kollha se jiġu ppubblikati fuq (https://www.rews.org.mt/#/en/tenders/224).

L-offerenti magħżula huma meħtieġa li jiffirmaw kuntratt għad-differenza mal-Awtorità Kontraenti.

Il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika jżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

Il-Gvern jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew jemenda dan l-Avviż tal-Gvern, minn żmien għal żmien, kif meħtieġ fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu stess.

Is-16 ta' Mejju, 2025

No. 762

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY, AND PUBLIC CLEANLINESS

Invitation to Bid (ITB) for Financial Support for Electricity from Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources with a Capacity equal to or larger than 1000kW

IN order to further encourage the better use of the energy being generated from renewable energy sources by the country, and in terms of regulation 5 of the Competitive Bidding Rules for Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources Regulations (S.L.545.39), the Ministry for the Environment, Energy, and Pubic Cleanliness ('Contracting Authority') notifies that:

From noon of the 25th July 2025 to noon of the 1st August, 2025, the Regulator for Energy and Water Services, who will administer this bidding process on behalf of the Contracting Authority, will be receiving offers for:

Advt No. MEEC/ITB/03/2025 - Invitation to bid (ITB) for Financial Support for Electricity from Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources with a Capacity equal to or larger than 1000kW.

The total capacity offered is 38,000kW.

Offers are to be made strictly by email to (ITBMWplus@rews.org.mt). The subject of the email containing the offer shall be clearly marked in accordance with the instructions in the ITB document. The email (ITBMWplus@rews.org.mt) shall be used only for the submission of offers and the email (regulator@rews.org.mt) shall be used for any other correspondence related to the ITBs.

The ITB document will be published on the 16th May, 2025. The ITB document, information concerning a clarification meeting, and all related files will be published at (https://www.rews.org.mt/#/en/tenders/224).

The selected bidders are required to sign a contract for difference with the Contracting Authority.

The Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

The Government reserves the right to revise or amend this Government Notice from time to time as necessary in its own absolute discretion.

16th May, 2025

Nru. 763

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INDAFA PUBBLIKA

Sejħa għall-Offerti (ITB) għal Appoġġ Finanzjarju għall-Elettriku minn Stallazzjonijiet li jipproduċu Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu b'Kapaċità minn 40kW sa inqas minn 1000kW

SABIEX ikompli jinkoraġġixxi l-użu aħjar tal-enerġija li qed tiġi ġġenerata minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fil-pajjiż, u skont ir-regolament 5 Regolamenti dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi għal Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu (L.S. 545.39), il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika ('l-Awtorità Kontraenti') qed iħabbar it-tnedija tal-proċessi għas-Sejħiet għall-Offerti (ITB) għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju għall-elettriku ġġenerat minn Stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu b'kapaċità minn 40kW sa inqas minn 1000kW.

Dan l-Avviż tal-Gvern jipprovdi għal żewġ (2) sejħiet (ITB) għall-allokazzjoni ta' għajnuna fuq l-elettriku ġġenerat minn Sorsi ta' Enerġija li jiġġeddu b'kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni minn 40kW sa inqas minn 200kW, u minn 200kW sa inqas minn 1000kW rispettivament; b'kull sejħa għall-allokazzjoni tal-għajnuna tinkludi sejħa għal kull waħda miż-żewġ kategoriji biż-żewġ ITBs jinżammu fl-istess żminijiet kif ġej u skont din l-iskeda li ġejja:

Sejħa ITB	Data tal-bidu/ftuħ għas-sottomissjoni tal-offerti (nofsinhar)	Data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti (nofsinhar)
Sejħa Nru 1	Il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2025	Il-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2025
Sejħa Nru 2	Il-Ġimgħa, 10 ta' Ottubru, 2025	Il-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru, 2025

Sabiex tiġi żgurata l-proċedura ta' offerti kompetittiva, il-Gvern iddeċieda li l-kapaċità li se tkun disponibbli għall-allokazzjoni ta' għajnuna fis-sejħiet u f'kull kategorija, se tkun il-medja tal-kapaċitajiet totali tal-offerti validi mitfugħa u miftuħa fl-iktar tliet sejħiet riċenti suċċessivi fil-kategorija rispettiva, imnaqqsa b'10%. Il-kapaċità disponibbli għall-allokazzjoni ta' għajnuna, hekk ikkalkulat, se tkun ippubblikata fid-dokument tal-ITB ta' kull sejħa rispettiva. Il-Gvern jista' jirrevedi l-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-kapaċitajiet disponibbli għall-allokazzjoni tal-għajnuna. Fi kwalunkwe każ il-kapaċità totali disponibbli għall-ITBs taħt din l-iskema għas-sena 2025 ma għandhiex taqbeż il-15MW.

L-offerti għandhom isiru strettament bl-email lil (procurement@rews.org.mt) u se jintlaqgħu mir-Regolatur

No. 763

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY, AND PUBLIC CLEANLINESS

Invitation to Bid (ITB) for Financial Support for electricity from Installations Producing Electricity from Renewable Sources with Capacity from 40kW up to less than 1000kW

IN order to further encourage the better use of the energy being generated from renewable energy sources by the country, and in terms of regulation 5 of the Competitive Bidding Rules for Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources Regulations (S.L. 545.39), the Ministry for the Environment, Energy, and Public Cleanliness ('Contracting Authority') is announcing the launch of the Invitation to Bid (ITB) processes for the award of financial support for electricity from new Installations producing electricity from renewable energy with a capacity from 40kW up to less than 1000kW.

This Government Notice provides for two (2) invitation to Bid (ITB) calls for the allocation of support for electricity produced from renewable energy generation capacities from 40kW up to less than 200kW and from 200kW up to less than 1000kW, respectively; with each of these calls consisting of an ITB for each of the two categories with the ITBSs running concurrently and in accordance with the following schedule:

ITB Call	Start Date for the Submission of Bids (noon)	Closing Date for the Submission of Bids (noon)
Call No. 1	Friday, 27th June, 2025	Friday, 4th July, 2025
Call No. 2	Friday,10th October, 2025	Friday, 17th October, 2025

In order to ensure a competitive bidding procedure, the Government has decided that the capacity to be made available for the allocation of aid for the calls and for each category shall be the average of the total capacities of valid bids received and opened in the most recent successive three bidding sessions for the respective category, less 10%. The capacity available for the allocation of support so calculated shall be published in the ITB document of the respective Call. Government may revise the methodology used for the calculation of capacities made available for the allocation of aid. In any case the total capacity made available for ITBs under this scheme for the year 2025 shall not exceed 15MW.

Offers are to be made strictly by email to (procurement@rews.org.mt) and will be received by the Regulator for

għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma li se jamministra dan il-proċess tal-offerti f'isem l-Awtorità Kontraenti, skont il-perjodi ta' żmien stabbiliti f'dan l-Avviż tal-Gvern u kif iddettaljat fid-dokument tal-ITB għal kull sejħa għall-offerti. L-offerenti magħżula huma meħtieġa li jiffirmaw kuntratt għad-differenza mal-Awtorità Kontraenti.

Is-suġġett tal-email bl-offerta għandu jkun immarkat b'mod ċar skont l-istruzzjonijiet fid-dokument ITB. L-email (procurement@rews.org.mt) għandu jintuża biss għas-sottomissjoni tal-offerti, filwaqt li l-email (regulator@rews.org.mt) għandu jintuża għal kwalunkwe korrispondenza oħra relatata mal-ITBs.

L-Informazzjoni għar-rigward ta' laqgħat ta' kjarifiki fir-rigward tal-ITBs skedati se tiġi ppubblikata flimkien mad-dokumenti rispettivi tal-ITB. Id-dokument ta' Sejħa Nru 1 se jiġi ippubblikat nhar l-16 ta' Mejju, 2025. Id-Dokument tal-ITBs għas-sejħiet suċċessivi se jiġu ippubblikati sitt (6) ġimgħat qabel id-data tal-ftuħ tal-perjodi ta' sottomissjoni tal-offerti rispettivi.

Id-dokumenti tal-offerta, il-minuti tal-laqgħa ta' kjarifiki u l-fajls relatati kollha se jiġu ppubblikati fuq (https://www.rews.org.mt/#/en/tenders/224).

Il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika jirriżerva d-dritt li jirrifjuta anke l-iktar offerta vantaġġjuża.

Il-Gvern jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew jemenda dan l-Avviż tal-Gvern, minn żmien għal żmien, kif meħtieġ fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu stess.

Is-16 ta' Mejju, 2025

Nru. 764

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Luca Burlò bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Marco Burlò u dan għall-perjodu bejn it-23 ta' Ġunju, 2025 u s-27 ta' Ġunju, 2025.

Illum it-Tnejn, 12 ta' Mejju, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Energy and Water Services, which will administer this bidding process on behalf of the Contracting Authority, in accordance with the time frames established in this Government Notice and as detailed in the ITB document for each call for bids. The selected bidders are required to sign a contract for difference with the Contracting Authority.

The subject of the email containing the offer shall be clearly marked in accordance with the instructions in the ITB document. The email (procurement@rews.org.mt) shall be used only for the submission of offers and the email (regulator@rews.org.mt) shall be used for any other correspondence related to the ITBs.

The information regarding clarifications meetings with respect to the scheduled ITBs will be published together with the respective ITB documents. The ITB document for Call 1 will be published on the 16th May, 2025. ITB documents for successive calls will be published six (6) weeks prior to the start of the respective bids submission period.

The bid documents, clarification meeting minutes, and all related files will be published on (https://www.rews.org.mt/#/en/tenders/224).

The Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

The Government reserves the right to revise or amend this Government Notice from time to time as necessary in its own absolute discretion.

16th May, 2025

No. 764

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Luca Burlò to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Marco Burlò for the period between the 23rd June, 2025 till the 27th June, 2025.

Today Monday, 12th May, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 765

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Petra Burlò bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Marco Burlò u dan għall-perjodu bejn is-17 ta' Mejju, 2025 u t-28 ta' Mejju, 2025.

Illum it-Tnejn 12 ta' Mejju, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 765

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Petra Burlò to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Marco Burlò for the period between the 17th May, 2025 till the 28th May, 2025.

Today Monday 12th May, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 766

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern barra minn Malta

Buttigieg, Sur Mario – Konslu Ġenerali, Konsulat Ġenerali tar-Repubblika ta' Malta, Toronto, il-Kanada

Camilleri, Sa Joanna – Second Secretary, Kummissjoni Għolja tar-Repubblika ta' Malta, Ottawa, il-Kanada

Chircop Troisi, Sur Shaun – First Secretary, Konsulat Ġenerali tar-Repubblika ta' Malta, Dubai, Emirati Għarab Magħquda

Uffiċjali Pubbliċi/Impjegati Pubbliċi

Borg Axiaq, Surġent Shawn – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Falzon, Surġent Maurizio – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Mangion, Surġent Tania – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Mintoff, Surġent Kristian – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Muscat, Kuntistabbli Zvetlana – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Zarb, Kuntistabbli Sylvia – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Vassallo Rivans, Kuntistabbli Sasha – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Borg, Kuntistabbli ta' Riserva Grace – Korp tal-Pulizija ta' Malta

No. 766

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article 3 of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta

Buttigieg, Mr Mario – Consul General, Consulate General of the Republic of Malta, Toronto, Canada

Camilleri, Ms Joanna – Second Secretary, High Commission of the Republic of Malta, Ottawa, Canada

Chircop Troisi, Mr Shaun – First Secretary, Consulate General of the Republic of Malta, Dubai, The United Arab Emirates

Public Officers/Public Employees

Borg Axiaq, Sergeant Shawn – Malta Police Force

Falzon, Sergeant Maurizio – Malta Police Force

Mangion, Sergeant Tania – Malta Police Force

Mintoff, Sergeant Kristian – Malta Police Force

Muscat, Constable Zvetlana – Malta Police Force

Vassallo Rivans, Constable Sasha – Malta Police Force

Zarb, Constable Sylvia – Malta Police Force

Borg, Reserve Constable Grace – Malta Police Force

Moore, Kuntistabbli ta' Riserva Josephine – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Mangion, is-Sa Kathleen – Amministratur, Aġenzija Għajnuna Legali Malta

Vella, is-Sa Roberta – Amministratur, Aġenzija Għajnuna Legali Malta

Avukati

Cordina, Dott. Darren

Zammit, Dott. Francesca Ariana

Moore, Reserve Constable Josephine – Malta Police Force

Mangion, Ms Kathleen – Administrator, Legal Aid Malta Agency

Vella, Ms Roberta – Administrator, Legal Aid Malta Agency

Advocates

Cordina, Dr Darren

Zammit, Dr Francesca Ariana

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

Is-16 ta' Mejju, 2025
MJR/Justice/4/2025

16th May, 2025

Nru. 767

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 63, Triq Zekka, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avvizi magħmula fuqhom.

No. 767

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN Terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 63, Triq Zekka, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Sammut David	154488M	IV 160051
Mangion Marjanu	725051M	IV 161674
Gauci Ernest et	100380M	IV 154800
Cassar George	70469M	IV 153678
Sultana Joseph	335575M	IV 158910
Schembri Mark	548859M	IV 161576
Tanti Paul	411743M	IV 160997
Cali Samuel	553389M	IV 161581
Borg Carmelo	198251M	IV 161650
Romano Alistair	288081M	IV 161623
Bellante Anna	330059M	IV 161651
Azzopardi Stephania	386873M	IV 161652
Camilleri Christopher	277281M	IV 158564
Zarb Joseph	235673M	IV 158687

Fenech Mavrick et	321488M	IV 158281
Mamo Hugo	31687G	IV 155634
Garufi Sebastiano	31646A	IV 158249
Sandstroem Johan Christopher	114559A	IV 160324
Cheung Wai Fung	173628A	IV 158736
Viola Antonietta Angelina	395604L	IV 155148
Portelli Fabian Paul et	890978108	IV 157822
Vanes Abigail	891532313	IV 158328
Lime Investments Limited	Roc. No. C77522	IV 159067
Lime Investments Limited et	Roc. No. C77522	IV 159269
Dreamflats Limited	Roc. No. C97217	IV 158116
A.I.M. High Property Limited	Roc. No. C81094	IV 157846
VACF Plastering Limited	Roc. No. C45989	IV 157906
J G Developments Limited	Roc. No. C4025	IV 159033
Bonjour Design Limited	Roc. No. C74414	IV 159161
Why Properties Limited	Roc. No. C33789	IV 158257
Turning Point Investments Limited	Roc. No. C51070	IV 160507
AIMS Investments Limited	Roc. No. C19809	IV 160632
Dala Holdings Limited	Roc. No. C84620	IV 158285
Laferla Alex	571562M	CM 057968
Fenech Damien	512618L	CM 043612
Zammit Joseph	154161M	CM 059514
Spiteri Domenic	65962M	CM 043608
Vassallo Roberta	79567M	CM 057266
Rizzo Luke	123687M	CM 059023
Portelli Etienne	54778M	CM 059498
Portelli Nathaniel	48590M	CM 059499
Cherrett Ilona	262281M	CM 059500
Portelli Luca	189296M	CM 059501
Caruana Pauline	324763M	CM 059440
Xuereb Giuseppe	148834M	CM 059419
Xuereb Erminia	118736M	CM 059210
Buttigieg Rose Rita	548182M	CM 059248
Buttigieg Norbert	6488G	CM 059249
Giordimaina Joseph	386959M	CM 059314
Ribi Joan	217644M	CM 043566
Xuereb Erminia	118736M	CM 059376
Busuttil John	711758M	CM 057945
Borg Andrew	451371M	CM 058578
Dalli Antonia	803047M	CM 059592
Attard Ivan	330171M	CM 042954
Aquilina Mark	105069M	SV 051299
Hoque Arafatul	264330A	SV 051367
Farrugia Emanuel Joseph	45598M	SV 051818

Nru. 768

UFFIĊĊJU TAL-KAP ARALDU TAL-ARMI TA' MALTA

Regolamenti dwar l-Araldika u l-Ġenealoġija

NGĦARRFU illi bis-saħħa tal-provvediment tal-artiklu 9(2) tar-Regolamenti tal-2021 dwar Araldika u l-Ġenealogija (A.L. 489 tal-2021) (L.S. 445.07), Il-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta jgħarraf illi l-persuni msemmija aktar 'l isfel applikaw għall-Konċessjoni/Reġistrazzjoni ta' Armi mill-Uffiċċju tal-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta.

Kulħadd jista' jgħarraf lil Kap Araldu tal-Armi ta' Malta sa mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin ġurnata (21) wara l-pubblikazzjoni ta' rapreżentazzjonijiet validi u konklużivi favur jew kontra l-applikazzjoni. Dawn ir-rapreżentazzjonijiet għandhom jkunu indirizzati lir-Reġistratur jew bil-miktub jew permezz tal-posta reġistrata lill-Uffiċċju tal-Kap Araldu jew b'mod elettroniku permezz ta' email fuq l-indirizz tal-email (chiefherald@gov.mt).

Vol. 2/G0028/25: Barbaro Sant, George Douglas & Evelina (née Bruno Olivier)- joint, posthumous Arms (Malta)

Maqsuma fi Kwarti

L-Ewwel lewn id-Deheb, tlett irjus ta' orsijiet maqtugħin mill-għonq (couped) ta' lewn Iswed bl-ilsna Ħomor (2,1) u fuq Chief lewn il-Fidda ċirku lewn Aħmar (għal Barbaro)

It-Tieni, Per Pale lewn il-Fidda bil-faxex (Bendy) ta' tlieta Ħomor; u lewn Ikħal, mannara Palewise lewn id-Deheb bir-ras lewn il-Fidda u fuq Chief lewn id-Deheb fuq għolja ta' tlieta lewn IKħal hemm mogħża Saljenti ta' lewn Iswed. (għal von Zimmermann)

It-Tielet, bejn erba' kebbiesa tan-nar (firesteels) dar ma dar (addorsed), salib Grieg kollha lewn id-Deheb (għal Paleologo)

Ir-Raba' bil-kontrakwarti

L-ewwel Kwart , lewn il-Fidda, salib Grieg Aħmar

It-Tieni w t-Tielet kontra-kwarti Aħmar b'żewġ faxex (barry) lewn il-Fidda

Ir-Raba' kontra-kwart , Ikħal , iljun rampanti lewn il-Fidda b'dembu b'żewġt itruf (fourche') u bl-ilsien Aħmar.

No. 768

OFFICE OF THE CHIEF HERALD OF ARMS OF MALTA

Heraldry and Genealogy Regulations

IN terms of the proviso to article 9(2) of the Heraldry and Genealogy Regulations 2021 (L.N. 489 of 2021) (S.L. 445.07), the Chief Herald of Arms of Malta hereby notifies that the persons listed hereunder have applied for the provision/ registration of heraldic arms from the Office of the Chief Herald of Arms of Malta.

Anyone is to inform the Chief Herald of Arms of Malta by not later than twenty one (21) days after publication of any valid and cogent representations for or against the application. Such representations shall be addressed to the Registrar either in writing by means of registered mail to the Office of the Chief Herald or electronically by means of email to the email address (chiefherald@gov.mt).

Vol. 2/G0028/25: Barbaro Sant, George Douglas & Evelina (née Bruno Olivier) - joint, posthumous Arms (Malta)

Quarterly,

First, Or three bear heads couped Sable langued Gules (2, 1) and on a chief Argent an annulet of the Third (for Barbaro)

Second, Per Pale Argent bendy of three Gules and Azure an axe palewise Or headed Argent and on a chief Or atop a mound of three Azure a goat salient Sable (for von Zimmermann)

Third, Between four firesteels addorsed a Greek cross all Or (for Paleologo)

Fourth, counter-quartered

First counter-quarter, Argent a Greek cross Gules

Second and third counter-quarters Gules barry of two Argent

Fourth counter quarter, Azure a lion rampant Argent queue fourché langued Gules

Fuq kollox fuq tarka żgħira (escutcheon) lewn id-Deheb hemm ajkla bil-ġwienaħ miftuħa lewn Iswed. Bl-ilsien Aħmar (kollha għal Sant)

It-tarka hija mżejna b'kuruna ta' Markis imqiegħda immedjatament fuq it-tarka w li fuqha hemm żewġ elmi li jixirqu il-grad tiegħu, dak tan-naħa Dexter iħares lejn is-Sinister bid-drappeġġ Iswed u Fidda minn taħt, dak tan-naħa Sinister iħares lejn id-Dexter bid-drappeġġ Aħmar u Deheb minn taħt. Il-Kresti, tnejn fin-numru, fuq l-elmi it-tnejn ħierġin minn girlandi tal-istess ilwien rispettivi, dik tan-naħa Dexter għandha ras ta'ors maqtugħa (couped) tħares lejn in-naħa Sinister (contourme') ta' lewn Iswed bl-ilsien Aħmar (għal Barbaro) Dik tan-naħa Sinister , iljun ta' San Mark fuq bażi kollha lewn id-Deheb (bħala Patrizju Venezjan

Bħala sostenituri żewġ orsijiet kombattenti Suwed bl-ilsna Ħomor u bil-kullar u l- katina

Motto: Fuq parċmina taħt it-tarka VI SANGUINE ET ANIMO.

Vol. 2/G0133/25: Di Salvatore, Carmine Andrea (Italy)

L-Ewwel: Ikħal Salib ta' Lorraine lewn id-Deheb li fuqu hemm ħames trijangli lewn Ikħal (2,1,2) (għal Urbano)

It-Tieni Ikħal fuq Fess lewn id-Deheb fiċ-Chief xbiha ta' Kristu Pantocrator , b'idu l-leminija tistrieħ fuq sfera imperjali w bix-xellugija tistrieħ fuq il-Fess, u fil-bażi għolja bi tlieta ta' lewn Naturali (għal Di Salvatore)

It-Tielet, Ikħal ħiereġ minn ġewwa Fess lewn id-Deheb, nofs iljun ta' l-istess lewn li qed iżomm fid-dwiefer ta' fuq tlett wardiet Ħomor u fil-bażi Bendy ta' Tlett faxex djagonali lewn id-Deheb (għal Di Salvatore)

Ir-Raba' Ikħal salib Grieg lewn il-Fidda (għal Doukissas)

Fuq kollox fuq tarka zgħira (escutcheon) lewn id-Deheb , iljun rampanti Ikħal b'kuruna, ilsien u dwifer kollha lewn id-Deheb. (għal Di Salvatore)

Fuq it-tarka, kuruna ta' Baruni, ħierġa minn elmu li jixraq il-grad tiegħu bid-drappeġġ Ikħal u lewn id-Deheb u li għandu bħala Kresta fuq girlanda tal-istess ilwien, kokka ta' lewn Naturali.

Motto: OCULI MEI SEMPER AD DOMINUM

Dr Charles A. Gauci
Kap Araldu tal-Armi ta' Malta

Is-16 ta' Mejju, 2025

Overall upon an escutcheon Or an eagle displayed Sable langued Gules (all for Sant).

The shield is adorned by the coronet of a Marquis placed immediately above the shield and above which lie two helms befitting this degree, the one at dexter facing sinister with mantling Sable doubled Argent, the one at sinister facing dexter with mantling Gules doubled Or. The Crests, two in number, atop the helms are both issuant from wreaths of their respective liveries, that at dexter, a bear's head contourné couped Sable langued Gules (for Barbaro) that at Sinister, the lion of St. Mark on a base all Or (as a Venetian Patrician)

For Supporters, two bears combattant Sable langued Gules gorged and chained

Motto: Upon an escroll below the shield, VI SANGUINE ET ANIMO.

Vol. 2/G0133/25: Di Salvatore, Carmine Andrea (Italy)

First: Azure a Cross of Lorraine Or charged with 5 triangles of the field (2,1,2) (for Urbano)

Second: Azure upon a fess Or, in chief an image of Christ Pantocrator , His right hand resting on an imperial orb, His left hand resting on the fess and in base a mound of three proper (for Di Salvatore)

Third: Azure issuant from a fess Or a demi-lion of the Same holding in his upper claws three roses Gules and in base bendy of three Or. (for Di Salvatore)

Fourth: Azure a Greek cross Argent (for Doukissas)

Overall on an escutcheon Or a lion rampant Azure crowned, langued and armed of the field (for Di Salvatore)

Above the shield a Baronial coronet, issuant from which is a helm befitting his degree with mantling Azure and Or bearing for a crest upon a wreath of the liveries an owl proper.

Motto: OCULI MEI SEMPER AD DOMINUM

Dr Charles A. Gauci
Chief Herald of Arms of Malta

16th May, 2025

Nru. 769

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Att tal-2025 li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

L-Att tal-2025 li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji (imsejjaħ ukoll "l-Abbozz ta' Liġi") ifittex li jemenda diversi liġijiet dwar is-servizzi finanzjarji, inkluż l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345), hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"FMA". L-emendi għall-FMA fost oħrajn jinkorporaw diversi dispożizzjonijiet bil-għan li jiġi stabbilit qafas ta' reġistrazzjoni għall-isponsors fil-kuntest ta' applikazzjonijiet għall-ammissjoni għall-elenkar ta' titoli f'suq regolat lokali.

L-Abbozz ta' Liġi jfittex ukoll li: (i) jittrasponi u, jew jimplimenta għadd ta' Direttivi tal-UE/Regolamenti tal-UE, u (ii) itejjeb il-qafas regolatorju attwali f'diversi liġijiet dwar is-servizzi finanzjarji.

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") hija l-awtorita' kompetenti għall-finijiet tal-infurzar tad-dispożizzjonijiet tal-FMA, u d-dispożizzjonijiet l-oħra fl-Abbozz ta' Liġi.

2. Taqsira u l-isfond

Sabiex jissupplimentaw l-emendi għall-FMA, eventwalment se jkun hemm regolamenti u regoli maħruġa taħt l-imsemmi Att, li jipprovdu aktar dettall fir-rigward tar-reġim tal-isponsors. Madankollu, sabiex isir dan, ġiet identifikata l-ħtieġa li jiġu introdotti d-dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħat meħtieġa u relatati li jippermettu, fost l-oħrajn: l-introduzzjoni ta' rekwiżit ta' reġistrazzjoni; u setgħat regolatorji tal-MFSA f 'dak ir-rigward.

Il-proposta sabiex jissaħħaħ ir-reġim tal-isponsors hija parti mill-istrateġija komprensiva b'ħames pilastri tal-MFSA sabiex trawwem it-tkabbir u l-innovazzjoni fis-swieq kapitali lokali, filwaqt li tipproteġi l-investituri u l-integrità u l-istabbilità tas-suq finanzjarju.

Il-pedament ta' din il-proposta huwa essenzjalment l-introduzzjoni ta' qafas ta' reġistrazzjoni għall-isponsors, sabiex jgħolli l-istandards ta' dawn l-atturi tas-suq abbażi ta 'obbligu akbar ta' rendikont u responsabbiltajiet aktar ċari.

Sponsor huwa persuna li tipprovdi pariri, gwida u għarfien espert lil emittenti li jkunu qegħdin japplikaw jew li jixtiequ japplikaw għall-ammissibilità fl-elenku ta' titoli f'suq regolat lokali. L-i-rwol tal-isponsor huwa ta 'importanza kbira peress li l-isponsor huwa l-ewwel kuntatt li miegħu jagħmlu l-emittenti prospettivi. L-isponsors huma meqjusa bħala l-ewwel linja ta' difiża fil-prevenzjoni ta' persuni li ma humiex idonei, milli jaċċessaw is-swieq kapitali Maltin.

Id-Direttivi u Regolamenti tal-Unjoni Ewropea li l-Abbozz ta' Liġi ifittex li parzjalment jittrasponi u, jew jimplimenta huma dawn li ġejjin:

(i) id-Direttiva (UE) 2022/2556 ('DORA Directive');
(ii) id-Direttiva (UE) 2022/2381 ('Gender Balance Directive'); (iii) id-Direttiva (UE) 2021/2167 ('Non-Performing Loans Directive' or 'NPL Directive');
(iv) ir-Regolament (UE) 2023/2631 ('European Green Bonds Regulations'); (v) ir-Regolament (UE) 2020/1503 ('EU Crowdfunding Regulation'; u (vi) ir-Regolament (UE) 2023/1114 ('MICA Regulation').

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

L-Abbozz ta' Liġi jikkonsisti f'ħamsa u ħamsin (55) artikolu u disa' (9) taqsimiet li jikkonsistu f'dan li ġej:

Taqsima I - Emendi għall-Att dwar Trusts u Trustees (Kap. 331);

[1]Dawn in-Noti ta 'Spjegazzjoni huma skont u għall-finijiet tal-Artikolu 3 (2) (c) tal-Att dwar in-negozji ż-żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

Taqsima II - Emendi għall-Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345);
Taqsima III - Emendi għall-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370);
Taqsima IV – Emendi għall-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371);
Taqsima V - Emendi għall-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376);
Taqsima VI – Emendi għall-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali (Kap. 590);
Taqsima VII - Emendi għall-Att dwar il-Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv (Kap. 637);
Taqsima VIII – Emendi għall-Att dwar Persuni li Jipprovdu Servizzi ta' Kreditu u dwar Xerrejja ta' Kreditu (Kap. 645); u
Taqsima IX – Emendi għall-Att dwar is-Swieq fil-Kriptoassi (Kap. 647).

4. Kummentarju

Għall-finijiet tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512), dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni qed jitfasslu primarjament għall-ambitu tar-reġim tal-isponsors imsemmi qabel.

Artikolu emendatorju	Artikolu tal-FMA	
5	2	Jipprovdi tifsira għal "sponsor".
9	11	Jagħtu s-setgħa lill-MFSA sabiex tapprova, jew xort'oħra, ir-reġistrazzjoni ta' sponsors u jagħtu s-setgħa lill-MFSA sabiex tikkanċella jew tissospendi r-reġistrazzjoni ta' sponsor.
11	12B	Jintroduċu rekwiżit ta' reġistrazzjoni għall-isponsors.
11	12Ċ	Jagħtu s-setgħa lill-MFSA għal darb'oħra li tirreġistra jew tirrifjuta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, u sabiex tissoġġetta reġistrazzjoni għal dawk il-kondizzjonijiet li tqis xierqa u jeħtieġu li l-MFSA żżomm reġistru ta' sponsors.
13	32	Jagħtu s-setgħa lill-MFSA li titlob informazzjoni minn sponsor jew minn xi persuna li tkun jew kienet uffiċjal, impjegat jew aġent ta' dak l-isponsor, jew teħtieġhom jattendu quddiem l-MFSA, jew quddiem persuna maħtura minnha, f' ħin u post kif l-MFSA tista' tispeċifika.
18	42	Jippermettu lil dawk l-isponsors li r-reġistrazzjoni tagħhom tkun ġiet irrifjutata, ikkanċellata jew sospiża, sabiex iressqu l-ilmenti tagħhom quddiem it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji.
19	49	Jagħtu s-setgħa lill-Ministru li jagħmel regolamenti sabiex jirregola l-attivitajiet ta 'sponsors

5. Sezzjonjiet konklużivi

L-emendi għall-FMA li jirregolaw l-isponsors mhux se jidħlu fis-seħħ minnufih, iżda permezz ta' avviż eventwali fil-Gazzetta tal-Gvern. Barra minn hekk, wara d-dħul fis-seħħ ta' tali emendi għall-FMA (fir-rigward ta' sponsors), persuna li tkun diġà qiegħda tipprovdi s-servizzi ta' sponsor fid-data ta' tali dħul fis-seħħ, hija meħtieġa tapplika għar-reġistrazzjoni mal-MFSA fi żmien xahrejn (2) mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi, jekk tali persuna għandha tkompli toffri tali servizzi. Barra minn hekk, tali persuna tista' tkompli toffri tali servizzi biss jekk tali persuna tkun reġistrata mill-MFSA fi żmien għaxar (10) xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija emendi għall-FMA.

Il-kumplament tal-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ mal-publikazzjoni.

Jekk tkun meħtieġa aktar informazzjoni, l-MFSA tista' tiġi kkuntattjata fuq +356 21441155.

N. B: Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni ma jqisux li huma deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni. F'każ ta' xi kunflitt bejn il-kontenut ta' dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni u l-Abbozz, huwa dan tal-aħħar li għandu jipprevali.

Is-16 ta' Mejju, 2025

No. 769

MINISTRY FOR FINANCE

Various Financial Services Laws (Amendment) Act, 2025

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

The Various Financial Services Laws (Amendment) Act, 2025 (also referred to as the 'Bill') seeks to amend various financial services laws, including the Financial Markets Act (Cap. 345), hereinafter referred to as the "FMA". The amendments to the FMA inter alia incorporate several provisions with the aim of establishing a registration framework for sponsors in the context of applications for admissibility to listing of securities on a local regulated market.

The Bill also seeks to: (i) transpose and, or implement a number of EU Directives/EU Regulations, and (ii) improve current, regulatory frameworks in several financial services laws.

The Malta Financial Services Authority ('MFSA') is the competent authority for the purposes of enforcing the provisions of the FMA, and the other provisions of the Bill.

2. Summary and background

Supplementing the amendments to the FMA, there will eventually be regulations and rules issued under the said Act, providing further detail and granularity around the sponsors regime. However, in order to do so, a need has been identified to introduce the necessary empowering and related provisions allowing for inter alia: the introduction of a registration requirement; and MFSA regulatory powers in that regard.

The proposal to strengthen the sponsors' regime is part of the MFSA's comprehensive five-pillar strategy to foster growth and innovation within the local capital markets, whilst protecting investors and financial market integrity and stability.

The cornerstone of this proposal is essentially the introduction of a registration framework for sponsors, to raise the standards of these market players based on increased accountability and clearer responsibilities.

A sponsor is a person who provides advice, guidance and expertise to issuers who are applying or intending to apply for the admissibility to listing of securities on a local regulated market. The role of the sponsor is of great importance since a sponsor is the first port of call for prospective issuers. Sponsors are considered to be the first line of defence in preventing persons who are not fit and proper from accessing the Maltese capital markets.

The EU Directives and EU Regulations which the Bill seeks to partially transpose and, or implement are the following:

(i) Directive (EU) 2022/2556 ('DORA Directive');
(ii) Directive (EU) 2022/2381 ('Gender Balance Directive');
(iii) Directive (EU) 2021/2167 ('Non-Performing Loans Directive' or 'NPL Directive');
(iv) Regulation (EU) 2023/2631 ('European Green Bonds Regulations');
(v) Regulation (EU) 2020/1503 ('EU Crowdfunding Regulation'); and
(vi) Regulation (EU) 2023/1114 ('MICA Regulation').

3. Overview of the structure of the instrument

The Bill consists of fifty-five (55) articles and nine (9) parts which consist of the following:

Part I – Amendments to the Trusts and Trustees Act (Cap. 331);

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

Part II – Amendments to the Financial Markets Act (Cap. 345);
Part III – Amendments to the Investment Services Act (Cap. 370);
Part IV – Amendments to the Banking Act (Cap. 371);
Part V – Amendments to the Financial Institutions Act (Cap. 376);
Part VI – Amendments to the Virtual Financial Assets Act (Cap. 590);
Part VII – Amendments to the Crowdfunding Service Providers Act (Cap. 637);
Part VIII – Amendments to the Credit Services and Credit Purchasers Act (Cap. 645); and
Part IX – Amendments to the Markets in Crypto-Assets Act (Cap. 647.)

4. Commentary

For the purposes of the Small Business Act (Cap. 512), these Explanatory Notes are being drawn up primarily for the scope of the sponsors regime aforementioned.

Amending article	FMA article	
5	2	Provided a definition for "sponsor".
9	11	Empowers the MFSA to approve, or otherwise, the registration of sponsors and also empower the MFSA to cancel or suspend the registration of a sponsor.
11	12B	Introduces a registration requirement for sponsors.
11	12C	Empowers the MFSA once again to register or refuse an application for registration, and to subject a registration to such conditions it deems appropriate and requires that the MFSA maintains a register of sponsors.
13	32	Empowers the MFSA to require information from a sponsor or from any person who is or was an officer, employee or agent of such sponsor, or to require them to attend before the MFSA, or before a person appointed by it, at a time and place as the MFSA may specify.
18	42	Allows for sponsors who have had their registration refused, cancelled or suspended to bring their grievances before the Financial Services Tribunal.
19	49	Empowers the Minister to make regulations to regulate the activities of sponsors.

5. Concluding sections

The amendments to the FMA regulating sponsors will not come into force immediately, but by virtue of an eventual notice in the Government Gazette. Moreover, after the entry into force of such amendments to the FMA (regarding sponsors), a person who is already providing the services of a sponsor on the date of such entry into force, is required to apply for registration with the MFSA within two (2) months from the date of coming into force of the legislative amendments, if such person is to continue to offer such services. Furthermore, such person can only continue to offer such services if such person is registered by the MFSA within ten (10) months from the date of coming into force of the said amendments to the FMA.

The rest of the amendments shall come into force upon publication in the Government Gazette.

Should more information be required, the MFSA may be contacted on +356 21441155.

N.B: These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the legal instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation. In case of any conflict between the contents of these Explanatory Notes and the amendments in the Bill, it is the latter that shall prevail.

16th May, 2025

No. 770

MALTA ENTERPRISE

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Avviż Legali	Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sussidju fuq il-Kera
Attività li għandha tiġi regolata	Appoġġ għall-kiri jew l-akkwist ta' postijiet industrijali.
Entità responsabbli	L-iskema se tkun amministrata mill-Intrapriża ta' Malta (hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"Korporazzjoni").

2. Taqsira u l-Isfond

Dawn ir-regolamenti jemendaw ir-Regolamenti dwar Sussidju fuq il-Kera (L.S. 463.33.)

L-appoġġ totali li jista' jiġi approvat għal kull impriża għandu jkun limitat għal tliet mitt elf euro (€300,000) fuq kwalunkwe perjodu kontinwu ta' tliet (3) snin. L-appoġġ approvat għandu jinħareġ fuq perjodu ta' mhux aktar minn sitt (6) snin u l-għotja annwali totali għandha tkun limitata għal ħamsin elf euro (€50,000).

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti emendatorji huma magħmula minn tliet (3) regolamenti u jikkonsistu f'dan li ġej:

Regolament 1: Titolu.
Regolament 2: Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.
Regolament 3: Jissostitwixxi r-regolament 3A tar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju

Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali jipprovdi issa jipprovdi li l-Korporazzjoni tista'tipprovdi għotjiet fi flus kontanti u, jew krediti ta' taxxa sa 50% tal-ispejjeż eliġibbli għall-kiri jew l-akkwist ta' postijiet industrijali għall-iżvilupp tan-negozju, skont il-Linji Gwida. L-assistenza tiġi kkunsidrata biss jekk it-talba ssir skont il-Linji Gwida speċifikati.

Ir-regolament 3A issa jipprovdi li l-assistenza għandha tkun limitatat għal €300,000 għal kull impriża fuq perjodu kontinwu ta' 3 snin. L-appoġġ għandu jitħallas f'pagamenti annwali ta' mhux aktar minn €50,000 fuq 6 snin, bl-ewwel 3 snin bħala għotjiet fi flus kontanti u l-aħħar 3 snin bħala krediti ta' taxxa.

5. Sezzjonijiet konklużivi

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.F'każ ta' mistoqsijiet, il-pubbliku ġenerali huwa mħeġġeġ jikkuntattja lill-Korporazzjoni fuq (info@maltaenterprise.com).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Is-16 ta' Mejju, 2025

[1]Dawn in-Noti ta 'Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-Artikolu 3 (2) (c) tal-Att dwar in-negozji ż-żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

No. 770

MALTA ENTERPRISE

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Legal Notice	Rent Subsidy (Amendment) Regulations, 2025
Activity to be regulated	Support for the rental or purchase of private industrial premises
Responsible entity	The scheme will be administered by Malta Enterprise (hereinafter referred to as the "Corporation").

2. Summary and Background

These regulations are to amend the Rent Subsidy Regulations (S.L.463.33.)

The total support that may be approved for every undertaking shall be limited to three hundred thousand euro (€300,000) over any rolling period of three (3) years. The approved support shall be disbursed over a period of up to six (6) years and the total annual disbursement shall be capped at fifty thousand euro (€50,000).

3. Overview of the structure of the instrument

The amending regulations are made up of three (3) regulations and consist of the following:Regulation 1: Citation.

Regulation 2: Substitutes regulation 3 of the principal regulations.
Regulation 3: Substitutes regulation 3A of the principal regulations.

4. Commentary

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas- sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk

OR

(ii) In possession of three (3) subjects at Advanced Level (which must include one of the following subjects: Psychology or Sociology or Business Studies).

*A recognised qualification comparable to 120/60 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document).

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

Successful candidates who are in possession of a recognised MQF Level 4, (qualification or two subjects at Advanced level and three subjects at Intermediate Matriculation Level, or in possession of three (3) subjects at Advanced Level, or a recognised comparable qualification) in the areas highlighted in 4.1 (iii) (a) or (c), shall enter as Assistant Manager (Salary Scale 12). On attainment of a relevant MQF Level 5 in related areas such officers shall progress to Assistant Manager (Salary Scale 11). All other progressions shall be in accordance with the provisions stipulated in the document entitled 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs

kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 iii (a) sa 4.1 iii (c) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

4.4 Din is-sejħa pubblika qed tiġi ppubblikata flimkien ma' sejħa għas-servizz kollu għall-post Post ta' Assistant Manager fid-Diviżjoni Nies u Standards fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru; kif ippubblikata nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Mejju, 2025, permezz taċ-Ċirkolari Nru HR/OPM 13/2025. L-applikanti li jirnexxu taħt is-sejħa għas-servizz kollu se jingħataw preċedenza fuq dawk li jirnexxu taħt is-sejħa pubblika. Il-ħatra hija barra minn hekk suġġetta għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti fil-perjodu ta' validità tarriżultat.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija

4.1 iii (a) to 4.1 iii (c) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such **qualification** within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

4.4 This public call is being published in concurrence with a service-wide call for the post of Assistant Manager in the People and Standards Division within the Office of the Prime Minister as published on Friday 16th May, 2025, through Circular No. HR/OPM 13/2025. Applicants who are successful under the service-wide call will be given precedence over those who are successful under the public call. Appointment is more over subject to the availability of vacancies within the validity period of the result

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of

l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.opm.gov.mt) u (human-resources.opm@gov.mt).

Is-16 ta' Mejju, 2025

applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 30th May, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.opm.gov.mt) and (human-resources.opm@gov.mt).

16th May, 2025

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Titlu tal-Kariga: Direttur ta' Proġetti (Fondi tal-UE)

Dwar il-Kariga

Il-kandidat(a) magħżul(a) se j/tkun responsabbli mit-tmexxija, il-kordinazzjoni, u r-rappurtar ta' proġett tal-UE li ngħata riċentament lill-Kunsill Malti għall-Arti (KMA) taħt il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), j/tiżgura konformità sħiħa mar-regolamenti tal-UE u dawk nazzjonali, kif ukoll li l-objettivi kollha tal-proġett jintlaħqu fil-ħin.

Ir-Responsabbiltajiet Ewlenin

Id-Direttur ta' Proġetti se:

J/taħdem mill-qrib mal-Mexxej tal-Proġett biex iwettaq b'suċċess il-proġett assenjat fl-aspetti kollha tiegħu;

I/tmexxi t-tħejjija, it-twettiq, il-monitoraġġ, u r-rappurtar tal-proġett assenjat skont ir-regolamenti tal-UE u dawk nazzjonali;

J/tosserva l-provvedimenti kollha tal-Manwal tal-Proċeduri u kwalunkwe linji gwida oħra maħruġa mill-Awtorità ta' Ġestjoni tal-programm FSE+;

Iżomm/iżżomm kuntatt regolari mal-Mexxej tal-Proġett, id-Diviżjoni għall-Kordinazzjoni tal-Ippjanar u l-Prijoritizzazzjoni (PPCD), id-Direttorat tal-Iżvilupp tal-Politika u t-Twettiq tal-Programm (PDPI), u partijiet ikkonċernati oħrajn;

J/torganizza u j/tikkordina laqgħat ma' msieħba u partijiet ikkonċernati tal-proġett skont il-ħtieġa biex j/tiżgura komunikazzjoni u progress effettiv;

J/tuża bl-aħjar mod possibbli l-għodda u s-sistemi kollha disponibbli għat-twettiq tal-proġett, fosthom id-Database tal-Fondi Strutturali (SFD) kif ukoll software ieħor meħtieġ;

I/tħejji rapporti dwar il-progress u kwalunkwe rappurtar obbligat ieħor, fosthom li tittella' l-informazzjoni fuq l-SFD;

J/tikkordina l-abbozzar u l-ħruġ ta' proċeduri dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, f'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Akkwist Settorjali fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u/jew id-Dipartiment tal-Kuntratti. Dan jinkludi t-tħejjija ta' dokumenti għal offerti u kwotazzjonijiet, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' proċessi ta' għażla;

J/tissorvelja fornituri ta' servizzi sottokuntrattati biex j/tiżgura t-twettiq fil-ħin ta' riżultati tanġibbli tal-proġett u j/tivverifika l-kwalità tax-xogħol imwettaq skont il-fatturi mressqa u j/tawtorizza l-proċessar tal-pagamenti;

ARTS COUNCIL MALTA

Position Title: Project Manager (EU funds)

About the Role

The selected candidate will be responsible for the overall management, coordination, and reporting of an EU project recently awarded to ACM under the European Social Fund Plus (ESF+), ensuring full compliance with EU and national regulations, and the timely achievement of all project objectives.

Main Responsibilities

The Project Manager will:

Work closely with the Project Leader to successfully implement the assigned project in all its aspects;

Manage the preparation, implementation, monitoring, and reporting of the assigned project in line with EU and national rules;

Observe all provisions of the Manual of Procedures and any other guidelines issued by the Managing Authority for the ESF+ programme;

Liaise regularly with the Project Leader, the Planning and Priorities Co-ordination Division (PPCD), the Policy Development and Programme Implementation Directorate (PDPI), and other relevant stakeholders;

Organise and coordinate meetings with project partners and stakeholders as necessary to ensure effective communication and progress;

Make optimal use of all available tools and systems for project implementation, including the Structural Funds Database (SFD) and other required software;

Prepare project progress reports and any other reporting obligations, including uploading information on the SFD;

Coordinate the drafting and issuing of public procurement procedures, in collaboration with the Sectoral Procurement Division within the Ministry for Heritage, Arts and Local Government and/or the Department of Contracts. This includes the preparation of tender and quotation documents, as well as the organisation and management of selection processes;

Oversee subcontracted service providers to ensure timely delivery of project outputs and verify the quality of work delivered against submitted invoices, authorising payment processing;

J/tassenja responsabbiltajiet lil uffiċjali li qed jaħdmu fuq il-proġett assenjat, j/tissorvelja l-prestazzjoni tagħhom, u j/tikkordina x-xogħol amministrattiv f'rabta mal-proġett;

J/tikkordina attivitajiet promozzjonali u j/tipproduċi materjal ta' informazzjoni għall-proġett assenjat, j/tiżgura konformità mar-regolamenti ta' viżibbiltà u komunikazzjoni;

Isegwi/issegwi l-ispejjeż marbuta mal-proġett, l-iskedi ta' żmien, u l-kwalità tax-xogħol li qed isir, j/tipproponi titjib, u j/twettaq titjib fil-prestazzjoni tal-proġett;

Iżomm/iżżomm kuntatt mad-Dipartiment tat-Teżor u kwalunkwe entità oħra kif meħtieġ għat-twettiq b'suċċess tal-proġett.

J/tirrapporta regolarment lill-Mexxej tal-Proġett dwar il-progress ġenerali tal-proġett, l-iżborżi finanzjarji, u kwalunkwe riskju u kwistjonijiet li jinqalgħu;

J/taqdi kwalunkwe dmir ieħor kif mitlub mill-Uffiċjal Kap Operattiv tal-Finanzjament u l-Istrateġija u rappreżentanti awtorizzati oħra tal-KMA.

Kwalifiki

Sad-data ta' skadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni, l-applikanti jridu jkunu fil-pussess ta':

Maġisteru rikonoxxut fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu skont l-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Ġestjoni tan-Negozju, il-Ġestjoni Kulturali, jew kwalifika ekwivalenti, kif ukoll esperjenza ta' seba' (7) snin ħidma fil-Ġestjoni ta' Proġetti tal-UE.

J/teħtieġ ukoll:

J/turi għarfien sħiħ tal-programmi ta' finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, l-Ewropa Kreattiva, u l-Erasmus+.

Għarfien fl-abbozzar u l-ġestjoni ta' proċessi ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi.

Kompetenza fl-użu tad-Database tal-Fondi Strutturali (SFD).

Ħiliet qawwija fil-ġestjoni ta' proġetti u ħakma tajba fil-kitba u t-taħdit bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Ħiliet qawwija ta' organizzazzjoni, bl-abbiltà li tmexxi flussi ta' ħidma u partijiet ikkonċernati multipli simultanjament.

Diliġenza, assertività, u kapaċità ta' ħidma taħt pressjoni b'superviżjoni minima.

Assign responsibilities to officers working on the assigned project, oversee their performance, and coordinate the administrative work in relation to the project;

Coordinate promotional activities and produce information material for the assigned project, ensuring compliance with visibility and communication regulations;

Monitor project costs, time schedules, and quality of work performed, propose improvements, and implement enhancements to project performance;

Liaise with the Treasury Department and any other entity as required for the successful implementation of the project.

Report regularly to the Project Leader regarding the overall progress of the project, financial disbursements, and any risks or issues encountered;

Perform any other related duties as directed by the COO (Funding and Strategy) or other authorised representatives of ACM.

Qualifications

Applicants must by the closing date and time of submission of the application be in possession of:

A recognised Master's degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Business Administration, Cultural Management or equivalent, plus seven (7) years relevant work experience in EU Project Management.

And must:

Demonstrate thorough knowledge of EU funding programmes, particularly the European Social Fund, Creative Europe, and Erasmus+.

Be knowledgeable in the drafting and management of public procurement processes.

Be fluent in the use of the Structural Funds Database (SFD).

Possess strong project management skills and a good command of written and spoken Maltese and English.

Have strong organisational skills, with the ability to manage multiple workstreams and stakeholders simultaneously.

Be diligent, assertive, and capable of working under pressure and with minimal supervision.

Fil-każ ta' nuqqas ta' evidenza dokumentata rigward il-kretti skont l-ECTS/ECVET jew kwalunkwe sistema oħra ta' riga tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla jevalwa l-programm ta' studju mressaq u jiddetermina jekk huwiex komparabbli ma' 60/180 krettu skont l-ECTS/ECVET. Jista' jintalab ukoll il-parir tal-MQRIC.

Kwalifiki f'livell ogħla minn dak speċifikat hawn fuq jiġu aċċettati għal fini ta' eliġibbiltà, bil-kundizzjoni li jilħqu rekwiżiti speċifiċi.

Barra minn hekk, il-kandidati li għadhom ma kisbux formalment xi waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati, bil-kundizzjoni li jressqu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija, jew temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa skont l-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, li ttieħdu bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif meħtieġ fil-kriterji tal-eliġibbiltà msemmija, sal-ħin u d-data tal-iskadenza tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Il-Kuntratt

Il-kandidat(a) magħżul(a) se jingħata Kuntratt ta' Servizz għal sena waħda (1), fuq bażi part-time (25 siegħa/ġimgħa) minn Ġunju, 2025 sa Diċembru, 2028.

Il-kandidat(a) magħżul(a) j/taqa' taħt l-Uffiċjal Kap Operattiv tal-Finanzjament u l-Istrateġija, i/trid j/taħdem ħinijiet flessibbli biex j/tilħaq il-ħtiġiet tal-pożizzjoni. J/teħtieġ ukoll li j/taħdem skont ir-regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Ir-rimunerazzjoni hija ta' €25,145 (VAT eskluża imma ċ-ċifra tinkludi taxxi u spejjeż oħra marbuta) kull sena kif ukoll Bonus għall-Prestazzjoni li jitla' sa 15%.

Il-pagament jiġi pproċessat kull xahar kontra fattura b'numru tal-VAT validu.

L-Applikazzjonijiet

L-applikanti, sal-ħin u d-data ta' skadenza ta' din is-sejħa għandhom ikunu:

(a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż

In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60/180 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognized higher MQF level program of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

Contract

The selected candidate will be awarded a one (1) year Contract for Service, on a part-time basis (25 hours per week) from June, 2025 until December, 2028.

Answerable to the COO (Funding and Strategy), operating with flexible hours to meet the demands and requirements of the position. The chosen candidate will be required to work within the rules and regulations of the Malta Public Service.

The remuneration is of €25,145 (excluding VAT but including any other taxes or charges) per year plus a performance bonus up to 15%.

Payment will be processed monthly by Arts Council Malta on receipt of an invoice with a valid VAT number.

Applications

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of

b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuna oħra li għandha jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħha ma' persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u d-dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' resident għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar 'Status ta' Residenti għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) tal-2006', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-'Regolamenti dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji, 2007'.

(f) persuni li għandhom dokument ta' residenza maħruġ skont it-termini tal-Istatus tar-Residenza taċ-Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja Tagħhom f'Malta skont il-Ftehim tal-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Il-pariri tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità għandhom jintalbu skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati li jaqgħu taħt punti (b), (c), (d), (e) u (f) imsemmija hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja ta' impjieg fil-każi li din tkun meħtieġa mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-leġiżlazzjoni sussidjarja. F'dak il-każ, l-entità Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

L-applikanti interessati jeħtieġu jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimken ma' CV u kopji attestati taċ-ċertifikati tagħhom permezz ta' ittra elettronika lil (vacancies@artscouncil.mt).

Applikanti li għandhom kwalifiki barranin jeħtieġu jipproduċu stqarrija ta' rikonoxximent miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (MQRIC) li jinsab fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE). Din tista' tinkiseb billi tissottometti applikazzjoni online għar-rikonoxximent tal-kwalifiki fuq (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Din l-istqarrija għandha tinhemeż mal-applikazzjoni waqt li l-kopja oriġinali għandha tiġi ppreżentata waqt l-intervista.

Id-data ta' skadenza għall-applikazzjoni hija nhar il-Ħamis, 5 ta' Ġunju, 2025, f'nofsinhar.

EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

(f) persons in possession of a residence document issued in terms of the Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d), (e) and (f) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and certified true copies of certificates by email to (vacancies@artscouncil.mt).

Applicant holding foreign qualifications are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), which is to be obtained by submitting an online application for the recognition of qualifications at (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

Closing date for applications is on Thursday, 5th June, 2025, at noon.

L-applikanti eliġibbli jissejħu għal intervista.

Is-16 ta' Mejju, 2025

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Assistent Amministrattiv Part-time

Sejħa ta' Interess – Ref: EOI/FES/001/2025

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) qiegħda tippubblika din is-sejħa bl-iskop li tidentifika persuni eliġibbli biex jissottomettu l-interess tagħhom għall-għoti ta' servizz ta' Assistent Amministrattiv fuq bażi part-time. Il-vakanza hija għal perjodu definit ta' sitt xhur b'massimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa. Il-persuna magħżula tkun meħtieġa tipprovdi servizz fuq bażi self-employed u trid tagħti servizz fl-uffiċċju prinċipali tal-entità u fiċ-ċentri ta' Childcare, Klabb 3-16 u Skolasajf.

Aktar informazzjoni dwar din is-sejħa ta' interess tista' tinkiseb minn (https://fes.gov.mt/procurement/).

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (procurement.fes@gov.mt) bin-numru ta' referenza li jidher hawn fuq u għandhom jinkludu dawn id-dokumenti:

CV dettaljat;
ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-pulizija datat mhux aktar minn sitt (6) xhur mid-data tal-applikazzjoni;
kopji taċ-ċertifikati oriġinali;
dokumenti oħra relatati u l-kriterji ta' eliġibbiltà kollha kif jidhru fi klawsola 4 tad-dokument tas-sejħa ppubblikata fis-sit elettroniku tal-FES.

Din is-sejħa tagħlaq il-Ħamis, 29 ta' Mejju, 2025.

Is-16 ta' Mejju, 2025

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU
GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI

Ordni ta' Kanċellazzjoni

Biex jkun jaf kulħadd illi b'ordni mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, is-segwenti Organizzazzjonijiet Volontarji kienu effettivament ikkanċellatati għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi:

Isem tal-Organizzazzjoni

C.A.N.D.O.M.B.L.E. Cultural Association of Natives of Diverse Origin Movement Beneficial With Love & Entertainment.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

16th May, 2025

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

Part-time Administration Assistant

Expression of Interest – Ref: EOI/FES/001/2025

The Foundation for Educational Services (FES) is hereby publishing this call with the purpose of identifying eligible applicants to submit their interest to provide Administrative Assistant duties on a part-time basis. The post is for a definite period of six months up to a maximum of 20 hours per week. The selected applicant shall provide the service on self-employed basis and shall be required to provide support to the entity's Head Office, childcare centres, Klabb 3-16 centres and Skolasajf centres.

Further information regarding this expression of interest may be obtained from (https://fes.gov.mt/procurement/).

Applications are to be sent via email to (procurement.fes@gov.mt) quoting the reference number stipulated above and including the following documentation:

a detailed CV;
a certificate of conduct issued by the Police dated not earlier than six (6) months from date of application;
copies of the original certificates;
all other supporting documents and all eligibility requirements listed in clause 4 of the expression of interest published on the FES website.

Deadline for quotations is on Thursday, 29th May, 2025.

16th May, 2025

OFFICE OF THE COMMISSIONER
FOR VOLUNTARY ORGANISATIONS

Cancellation Order

It is being notified that the Commissioner for Voluntary Organisations has issued a cancellation order whereby the following Voluntary Organisations have been cancelled for all intents and purposes of the Law.

Name of Voluntary Organisation

C.A.N.D.O.M.B.L.E. Cultural Association of Natives of Diverse Origin Movement Beneficial With Love & Entertainment.

Numru
1209

Data tal-Kanċellament
12.05.2025

Isem tal-Organizzazzjoni
Malta House of Prayer Foundation

Numru
0598

Data tal-Kanċellament
12.05.2025

Isem tal-Organizzazzjoni
Islamic Community Malta

Numru
282

Data tal-Kanċellament
12.05.2025

Isem tal-Organizzazzjoni
CIIMA (Community Of Indians In Malta)

Numru
1411

Data tal-Kanċellament
12.05.2025

Isem tal-Organizzazzjoni
Malta Fashion Association

Numru
0881

Data tal-Kanċellament
12.05.2025

Isem tal-Organizzazzjoni
Fingerprints

Numru
0946

Data tal-Kanċellament
12.05.2025

Isem tal-Organizzazzjoni
The Film Grain Foundation

Numru
0949

VO number
1209

Date of Cancellation
12.05.2025

Name of Voluntary Organisation
Malta House of Prayer Foundation

VO number
0598

Date of Cancellation
12.05.2025

Name of Voluntary Organisation
Islamic Community Malta

VO number
282

Date of Cancellation
12.05.2025

Name of Voluntary Organisation
CIIMA (Community of Indians in Malta)

VO number
1411

Date of Cancellation
12.05.2025

Name of Voluntary Organisation
Malta Fashion Association

VO number
0881

Date of Cancellation
12.05.2025

Name of Voluntary Organisation
Fingerprints

VO number
0946

Date of Cancellation
12.05.2025

Name of Voluntary Organisation
The Film Grain Foundation

VO number
0949

Data tal-Kanċellament
12.05.2025

Isem tal-Organizzazzjoni
Priorat tal-Kavallieri Templari – Malta

Numru
2465

Data tal-Kanċellament
12.05.2025

Din l-ordni ta' kanċellazzjoni qed issir skont l-artiklu 13(5) ta' Kapitlu 492 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid illi "jekk il-Kummissarju, madankollu, jiddetermina, wara li tkun saret l-iskrizzjoni taħt dan l-artikolu, li l-element tal-iskop pubbliku jew tal-benefiċċju pubbliku skont dawn id-dispożizzjonijiet huwa nieqes fl-organizzazzjoni rilevanti, jista' permezz ta' avviż bil-miktub, jordna s-sospensjoni jew il-kanċellazzjoni tal-iskrizzjoni tal-organizzazzjoni volontarja bil-ħruġ ta' Ordni ta' Sospensjoni jew Ordni ta' Kanċellazzjoni, kif jidher li jkun adegwat fiċ-ċirkostanzi".

Kif stipulat f'artiklu 20(1) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk xi persuna tiġi jew diġà qiegħda fil-pussess taċ-Ċertifikat ta' Iskrizzjoni ta' dawn l-organizzazzjonijiet li ġew ikkanċellatati, hija mitluba biex trodd dan iċ-Ċertifikat lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Kull min jonqos milli jrodd lura dan iċ-Ċertifikat, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati, jeħel multa ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u multa ta' ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) għal kull ġurnata li jonqos milli jagħmel dan u dan ai termini tal-artiklu 20(1) tal-Kapitolu 492 tal-liġijiet ta' Malta.

Din il-pubblikazzjoni qed issir ukoll għal fini tal-artiklu 7(1)(g) u Artiklu 34(1) sa (9) tal-Kapitlu 492 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kull entità jew persuna li għandha fil-pussess tagħha xi assi ta' kwalunkwe tip li huma proprjetà tal-organizzazzjoni msemmija hawn fuq, huma interpellati sabiex jagħmlu komunikat b' mod immedjat mal-istess Uffiċċju tal-Kumissarju għall-Organizzazzjonijiet Volonatarji permezz ta' ittra elettronika lil (legal.cvo@gov.mt).

Dan bla preġudizzju għal kull azzjoni li l-istess Kummissarju jista' jieħu kontra l-istess organizzazzjonijiet jew l-amministraturi tagħhom għal kull inadempjenza.

Din il-pubblikazzjoni qed issir skont l-artikolu 19(9) tal-Kapitolu 492 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-AV. JOHN SEYCHELL NAVARRO, LLD
Direttur (Servizzi Legali)
Għall-Kummissarju għal Għaqdiet Volontarji

Is-16 ta' Mejju, 2025

Date of Cancellation
12.05.2025

Name of Voluntary Organisation
Priorat tal-Kavallieri Templari – Malta

VO number
2465

Date of Cancellation
12.05.2025

This cancellation order is being made according to that stipulated in article 13(5) of Chapter 492, Laws of Malta, that states if the Commissioner determines, after enrolment under this article, that the element of a public purpose or public benefit in terms of these provisions is absent in the relevant organisation, he may by notice in writing, order the suspension or the cancellation of the enrolment of the voluntary organisation by the issue of a Suspension Order or a Cancellation Order, as appears appropriate in the circumstances.

If any person comes into possession or is in possession of the Certificate of Enrolment of these cancelled voluntary organisations he or she is formally requested to return such certificate to the Commissioner for Voluntary Organisations. Whoever fails to surrender such certificate shall be guilty of an offence against this Act and shall be liable, on conviction, to a fine (multa) of two hundred and thirty-two euro and ninety-four cents (232.94) and a fine (multa) of eleven euro and sixty-five cents (11.65) for every day of default and this in terms of article 20(1) of Chapter 492 of the Laws of Malta.

This publication is also being made in terms of article 7(1)(g) and article 34(1) to (9) of Chapter 492 of the Laws of Malta and henceforth any person or entity who is in possession of any assets of any type, belonging to or held on behalf of this organisation is formally requested to communicate with the Office of the Commissioner for Voluntary Organisations immediately by email to (legal.cvo@gov.mt).

This publication is being made without prejudice to any other action the same Commissioner for Voluntary organisations may take against these organisations and its administrators for any non-compliance.

This publication is being made according to article 19(9) of Chapter 492 of the Laws of Malta.

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO, LLD
Director (Legal Services)
On behalf of the Commissioner for Voluntary Organisations

16th May, 2025

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari (SLSE) Miftuħa għal Persuni li Jixtiequ Japplikaw għal Sejħiet mis-Setturi Statali u Mhux Statali għal SLSE U li m'Għandhomx Pass Marks tas-Sec/'O Level' fil-Malti, fil-lingwa Ingliża u/jew fil-Matematika

1.1 Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali qed jilqgħu applikazzjonijiet għal eżamijiet ta' kwalifikazzjoni fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika għal persuni li huma interessati japplikaw għall-pożizzjoni ta' Learning Support Educator Supplimentari (SLSE), li m'għandhomx wieħed jew aktar mill-passes rekwiżiti fiċ-Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF u/jew fil-Livell Ordinarju (Livell 'O' grad A-C jew 9-4), fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u/jew il-Matematika.

1.2. L-eliġibbiltà għall-pożizzjoni ta' SLSE hija suġġetta għall-kriterji kollha tal-eliġibbiltà fis-sejħa pubblika għal SLSE pubblikata fil-Gazetta tal-Gvern iddatata 31 ta' Jannar, 2025, jew kwalunkwe sejħa għall-applikazzjonijiet li toħroġ wara. L-applikazzjonijiet mill-kandidati għall-pożizzjoni ta' SLSE jibdew jintlaqgħu direttament u jiġu proċessati mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u kwalunkwe sejħiet maħruġa minn skejjel mhux tal-Istat.

1.3. Il-marka massima ta' kull eżami hija ta' 100 marka, b'pass mark minimu ta' 50 marka.

1.4. L-eżamijiet tal-kitba se jsiru:

Il-Malti – Nhar it-Tlieta, 24 ta' Ġunju, 2025
Il-Lingwa Ingliża – Nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju, 2025
Il-Matematika – Nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025.

Is-Salarju

2.1. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' SLSE huwa ekwivalenti għall-minimu ta' Skala ta' Salarju 14 li fl-2025 huwa ta' €19,591.02 fis-sena.

2.2. Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra kif jistgħu jkunu stipulati fi kwalunkwe ftehim pertinenti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

3.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikollhom tmintax-il sena (18) jew aktar.

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Qualifying Examinations for Supply Learning Support Educators (SLSE) Open To Persons Wishing to Apply for State and Non-State Calls for SLSE who are not in Possession of A Sec/'O level' Pass Mark in Maltese, English and Mathematics

1.1 The Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations invite applications for qualifying examinations in Maltese, English Language and Mathematics for persons interested in applying for the position of Supply Learning Support Educators (SLSE) who are not in possession of any of the required passes in Maltese, English Language and/or Mathematics at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3 and/or Ordinary level ('O' Level grade A-C or 9-4).

1.2 Eligibility for the position of SLSE is contingent on satisfying all eligibility criteria outlined in the open call for SLSE published on Government Gazette dated 31st January, 2025, or any subsequent calls for applications. Applications from candidates for the position of SLSE will start being received directly and processed by the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) and any non-state school/s advertising such calls.

1.3 The maximum mark for each exam is 100, with a minimum pass mark of 50 marks.

1.4 The written examinations shall be held as follows:

Maltese – On Tuesday, 24th June, 2025
English Language – On Wednesday, 25th June, 2025
Mathematics – On Thursday, 26th June, 2025.

Salary

2.1. The Salary attached to the position of SLSE is equivalent to the minimum of Salary Scale 14 which in the year 2025 is €19,591.02 per annum.

2.2. An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

Eligibility Requirements

3.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be eighteen years (18) old or older.

L-Eżamijiet tal-kitba għal SLSE fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika

4.1. L-eżamijiet kollha (il-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika) jikkonsistu f'eżami bil-miktub għal kull suġġett. Kull eżami jkun ta' siegħa u tletin minuta (1½ siegħa) u maħsub biex jevalwa l-ħiliet tal-kandidati fis-suġġett.

4.2. Il-kandidati jridu jiksbu 50 marka biex jgħaddu mill-eżami fis-suġġett/i speċifiċi li jkunu applikaw għalihom.

4.3. Dawn l-eżamijiet jitmexxew mir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Kopja tas-sillabu tista' tiġi aċċessata minn (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/).

4.4. Il-kandidati jkunu meħtieġa jħallsu miżata mhux rifondibbli ta' €9.30 għal kull suġġett li għalih saret l-applikazzjoni.

4.5. L-applikanti li diġà għandhom il-passes meħtieġa fiċ-Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF u/jew fil-livell Ordinarju (Livell 'O' grad A-C jew 9-4) fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika m'għandhomx għalfejn japplikaw għal dan/dawn l-eżami/jiet ta' kwalifikazzjoni.

4.6. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jittratta b'mod sommarju kull kandidat li, waqt li jkun għaddej l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur tal-istruzzjonijiet maħruġa lill-kandidati.

4.7. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jannulla l-eżami jekk tinstab xi irregolarità inkonnessjoni miegħu.

4.8. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tal-eżami bil-miktub fuq in-noticeboard ta' Edu Servizz.gov (One Stop Shop) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u ċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex.

4.9. Kull kandidat jirċievi r-riżultat bil-posta kif ukoll messaġġ ta' kortesija b'SMS lil dawk kollha li jipprovdu numru validu tal-mowbajl.

4.10. Talba għar-reviżjoni tal-karta tal-eżami għandha tiġi sottomessa lid-Dipartiment tal-Eżamijiet fi żmien ħamest ijiem (5) ta' xogħol mid-data tal-avviż bil-posta imsemmi f'paragrafu 4.9. Struzzjonijiet ta' kif il-kandidati jistgħu japplikaw għal reviżjoni tal-karta jkunu inklużi mar-riżultat.

Written Examinations for SLSE in Maltese, English Language and Mathematics

4.1. All examinations (Maltese, English Language and Mathematics) will consist of a written examination for each subject. Each examination will be one hour and thirty minutes (1½ hours) aimed at assessing the candidates' ability in the subject.

4.2. Candidates must obtain 50 marks to pass the qualifying examination in the subject/s applied for.

4.3. These examinations will be conducted by the Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations. A copy of the syllabus can be accessed from (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/).

4.4. Candidates will be required to pay a non-refundable fee of €9.30 for each subject applied for.

4.5. Applicants who are already in possession of the required passes in Maltese, English Language and Mathematics at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3 and/or Ordinary Level 'O' Level (grade A-C or 9-4) need not apply for this/these qualifying exam/s.

4.6. The Board of Local Public Examinations will have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or in any breach of the instructions issued to candidates.

4.7. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith.

4.8. The Registrar of Examinations will publish the result of the written examination on the noticeboard of Edu Servizz.gov (One Stop Shop) at the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo.

4.9. Each candidate will receive the individual result by post and a courtesy alert by SMS will be sent to all those who provide a valid mobile phone number.

4.10.Requests for revision of paper are to be submitted to the Department of Examinations within five (5) working days from the date of the notification by post mentioned in paragraph 4.9. above. Instructions on how to apply for a revision of paper will be included with the result.

Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

5.1. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' miżata tal-eżami ta' €9.30 mhux rifondibbli għal kull suġġett, għandhom jiġu sottomessi online fuq (https://myexams.gov.mt/applications/) mill-Ġimgħa, 16 ta' Mejju, 2025, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 30 ta' Mejju, 2025, f'nofsillejl.

